31988R3915

L 347/55 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.12.1988

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3915/88
tal-15 ta' Diċembru 1988
li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 63ċ tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 li jistabbilixxi sistema tal-Komunità ta' eżenzjonijiet minn drittijiet doganali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 tat-28 ta' Marzu 1983 li jistabbilixxi sistema tal-Komunita dwar eżenzjonijiet minn drittijiet doganali [1], kif emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1315/88 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Billi l-Artikolu 63ċ tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 jipprovdi għal eżenzjoni minn drittijiet ta' importazzjoni dwar kunsinni li jinkludu kampjuni ta' sustanzi ta' riferenza approvati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li jkunu maħsuba għall-użu fil-kontroll ta' kwalita ta' materjali użati fil-manifattura ta' prodotti mediċinali; billi dawk il-kunsinni huma indirizzati lejn kunsinnatarji awtorizzati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jibbenefikaw minn dik l-eżenzjoni;

Billi il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni korretta ta' dik id-dispożizzjoni għandhom jiġu stabbiliti; billi dawk il-kundizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura li tinsab f'Artikoli 143(2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 918/83;

Billi l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar Arranġamenti *Duty Free*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 63ċ tar-Regolament (KEE) Nru 918/83.

L-Artikolu 2

L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 63ċ tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 għandha tapplika biss għall-kunsinni mibgħuta miċ-"Ċentru Kollaborattiv tal-WHO dwar Sustanzi Kimiċi ta' Riferenza" ġewwa Stokkolma (l-Isvezja) lill-kunsinnatarji li huma awtorizzati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jirċievuhom *duty free*.

L-Artikolu 3

Eżenzjoni minn drittijiet ta' importazzjoni għal kunsinni li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 63ċ tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 għandha tkun kundizzjonali għat-turija, fuq il-pakketti li jkollhom sustanzi ta' riferenza, ta':

— l-ewwelnett, it-timbru taċ-Ċentru Kollaborattiv tal-WHO illi issir riferenza għalih fl-Artikolu 2 t'hawn fuq,

— it-tieni, tikketta, li kampjun tagħha huwa muri fl-Anness ta' dan ir-Regolament, illi fuqha fil-kaxxa li tikkorrispondi mas-sustanzi kimiċi ta' riferenza tkun ġiet immarkata b'mod ċar permezz ta' marka.

L-Artikolu 4

L-eżenzjoni għandha tiġi estiża għal kull imballaġġ speċjali li jkun meħtieġ sabiex jiġu trasportati sustanzi kimiċi ta' riferenza u għal kull aċċessorju meħtieġ li jkun jinsab fil-kunsinni.

L-Artikolu 5

Dan ir-Regolament sejjer jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1989

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul ġewwa Brussell, fil-15 ta' Diċembru 1988.


Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President

[1] ĠU L 105, tat-23.4.1983, p. 1.
[2] ĠU L 123, tas-17.5.1988, p. 2.

L-ANNESS



(Dimensjonijiet 62 × 44 mm)